



Brussell, il-15 ta' Mejju 2020
REV1 – jissostitwixxi l-avviż bid-
data tat-23 ta' Jannar 2018

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAT-TQEGĦID FIS-SUQ TA' ŻRIERAGĦ U MATERJAL IEĦOR TA' RIPRODUZZJONI U TA' PROPAGAZZJONI TAL-PJANTI

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"¹. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ² jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020³. Sa din id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih⁴.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinneqozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li b'mod partikolari jipprevedi għal żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, ma hemmx ċertezza dwar jekk hux se jsir ftehim bħal dan li jidħol fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim johlq relazzjoni li, f'dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq, se tkun differenti ħafna mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,⁵ fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali applikabbli wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti A aktar 'l isfel). Dan l-avviż jispjega wkoll ċerti dispożizzjonijiet rilevanti dwar is-separazzjoni fil-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-Parti B aktar 'l isfel), kif ukoll ir-regoli applikabbli għall-Irlanda ta' Fuq wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti C aktar 'l isfel).

Avviż lill-partijiet ikkonċernati:

- ¹ Pajjiż terz huwa pajjiż li mhux membru tal-UE.
- ² Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ").
- ³ Il-perjodu ta' tranżizzjoni jista' jiġi estiż darba b'sena jew sentejn qabel l-1 ta' Lulju 2020 (l-Artikolu 132(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ). Sa issa l-Gvern tar-Renju Unit eskluda tali estensjoni.
- ⁴ Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.
- ⁵ B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprevidix kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonossiment reċiproku, il-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini", u l-armonizzazzjoni. U ftehim ta' kummerċ ħieles lanqas ma jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

Biex jindirizzaw il-konsegwenzi stabbiliti f'dan l-avviż, il-partijiet ikkonċernati huma avżati b'mod partikolari dwar dan li ġej:

In-nissela jridu jiżguraw li l-entrati fil-Katalgu Komuni jiġu aċċettati minn Stat Membru tal-UE biex il-varjetajiet jitqiegħdu fis-suq fl-UE wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Għalhekk il-partijiet interessati jridu jippreżentaw l-applikazzjonijiet rispettivi lill-korp uffiċjali responsabbli ta' Stat Membru tal-UE fil-waqt qabel din id-data, sabiex jiġi żgurat li dawn il-varjetajiet jiddaħħlu b'mod f'waqtu fil-katalgu/i nazzjonali rispettiv/i u inklużi fil-Katalgi Komuni rispettivi.

In-nissela jridu jiżguraw li l-varjetajiet tal-materjal riproduttiv tal-pjanti tal-frott, li bħalissa huma inklużi biss fir-reġistru tar-Renju Unit, jiġu aċċettati minn Stat Membru tal-UE, jew il-varjetajiet ta' materjal propagattiv ornamentali, li bħalissa huma inklużi biss fil-lista tal-fornituri fir-Renju Unit, jiġu aċċettati minn fornitur fi Stati Membri tal-UE, biex dak il-materjal jitqiegħed fis-suq fl-UE wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Għaldaqstant, il-partijiet interessati jenħtieġ li jippreżentaw l-applikazzjonijiet rispettivi lill-korp uffiċjali responsabbli jew lill-fornitur ta' Stat Membru tal-UE fi żmien xieraq, biex jiġi żgurat li dawn il-varjetajiet jew materjal jiddaħħlu fil-waqt fir-reġistru nazzjonali jew fil-lista ta' fornituri qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Id-distributuri ta' materjal riproduttiv tal-pjanti mir-Renju Unit iridu jqisu r-restrizzjonijiet tal-UE fuq l-importazzjonijiet.

Innota li:

Dan l-avviż ma jindirizzax ir-regoli tal-UE dwar

- is-saħħa tal-pjanti (regoli fitosanitarji);
- il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali dwar il-varjetajiet tal-pjanti; kif ukoll
- organiżmi ġenetikament modifikati.

Fir-rigward ta' dawn l-aspetti qegħdin jitħejjew avviżi supplimentari filwaqt li oħrajn diġà ġew ippubblikati⁶.

A. IS-SITWAZZJONI LEGALI WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE fil-qasam taż-żrieragħ u materjal ieħor tar-riproduzzjoni u l-propagazzjoni tal-pjanti⁷ (minn hawn 'il quddiem

⁶ https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period_mt

⁷ Ara l-anness.

“leġislazzjoni tal-UE dwar il-PRM”) mhumiex se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit⁸. Dan iwassal, b’mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

1. KATALGI KOMUNI

Skont il-leġislazzjoni tal-UE dwar il-PRM, il-varjetajiet ta’ żerriegħa ta’ pjanti tal-għalf, iż-żerriegħa taċ-ċereali, iż-żerriegħa tal-pitravi, iż-żerriegħa tal-ħxejjex, il-materjal propagattiv ta’ ħaxix, iż-żerriegħa tal-patata u iż-żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra (speċi agrikola u veġetali) iridu jiġu ttestjati u aċċettati minn tal-inqas Stat Membru wieħed u elenkati fil-Katalgi Komuni tad-Direttiva 2002/53/KE jew id-Direttiva 2002/55/KE biex ikunu jistgħu jitqiegħdu fis-suq fl-Unjoni.

Il-varjetajiet li ġew inklużi fil-Katalgi Komuni mir-Renju Unit ma jistgħux jibqgħu jitqiegħdu fis-suq fl-UE wara tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni.

2. REĠISTRI NAZZJONALI, LISTI TA’ FORNITURI NAZZJONALI

Skont il-leġislazzjoni tal-UE dwar il-PRM, il-varjetajiet ta’ materjal għall-propagazzjoni tad-dwieli u l-materjal għall-propagazzjoni tal-frott jistgħu jitqiegħdu fis-suq madwar l-Unjoni biss ladarba jiġu inklużi fir-reġistru nazzjonali fi Stat Membru wieħed jew - fil-każ tad-Direttiva 98/56/KE dwar il-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti ornamentali - għall-anqas f’lista ta’ fornituri ta’ Stat Membru tal-UE.

Skont id-Direttiva 1999/105/KE, il-materjal ta’ riproduzzjoni tal-foresti jistgħu jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni biss ladarba l-materjal bażiku jiġi inkluż fir-reġistru nazzjonali fi Stat Membru wieħed.

Il-varjetajiet li ġew inklużi biss fir-reġistru tar-Renju Unit, jew li huma inklużi biss fil-lista ta’ fornitur fir-Renju Unit, ma jistgħux jibqgħu jitqiegħdu fis-suq tal-UE wara tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni.

3. RIŻULTATI TAL-EŻAMI

L-Artikolu 7(1) tad-Direttivi 2002/53/KE u 2002/55/KE jobbliga li l-aċċettazzjoni ta’ varjetà fil-Katalgi Komuni jew fir-reġistru nazzjonali tiġi bbażata biss fuq eżami uffijjali mill-awtorità kompetenti ta’ Stat Membru tal-UE. Wara tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni, fir-rigward tal-varjetà li tkun trid tiġi inkluża fil-Katalgi Komuni jew f’reġistru nazzjonali, ir-riżultati tal-eżami jridu joriġinaw minn eżamijiet fi Stat Membru tal-UE.

In-nissela għandhom jikkunsidraw wkoll li, minbarra eżamijiet għal DUS (Distintività, Uniformità u Stabbiltà) fejn l-Istati Membri kollha japplikaw l-istess rekwiżiti, ċerti varjetajiet jeħtieġu wkoll eżamijiet addizzjonali għal VCU (Value for Cultivation and Use, il-Valur għall-Kultivazzjoni u l-Użu) meta r-rekwiżiti ta’ ċerti Stati Membri jistgħu jkunu differenti mir-rekwiżiti tar-Renju Unit. Għaldaqstant, in-nissela jridu jiżguraw li jiksbu kwalunkwe rapporti ta’ eżami li joriġinaw mir-Renju

⁸ Dwar l-applikabbiltà leġislazzjoni tal-UE dwar il-PRM għall-Irlanda ta’ Fuq, ara l-Parti C ta’ dan l-avviż.

Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni u jdaħħluhom f'katalgu nazzjonali ta' Stat Membru tal-UE.

4. IMPORTAZZJONIJIET

Skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-PRM, mhuwiex permess li jiġu importati żrieragħ u materjal ieħor tal-riproduzzjoni tal-pjanti lejn l-UE minn pajjiżi terzi, sakemm il-pajjiż terz ikun "elenkat" mill-UE, b'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-PRM.

B. DISPOŻIZZJONIJIET TA' SEPARAZZJONI RILEVANTI TAL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ

L-Artikolu 41(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedi li oġġett eżistenti u identifikabbli individwalment li jitqiegħed fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jista' jsir disponibbli wkoll fis-suq tal-UE jew tar-Renju Unit u jiċċirkola bejn dawk iż-żewġt iswieq sakemm jasal għand l-utent aħħari tiegħu.

L-operatur ekonomiku li jinvoka dik id-dispożizzjoni għandu l-oneru tal-prova li juri fuq il-bażi ta' kwalunkwe dokument rilevanti li l-oġġett kien tqiegħed fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.⁹

Għall-finijiet ta' dik id-dispożizzjoni, "tqegħid fis-suq" tfisser l-ewwel provvista ta' oġġett għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu fis-suq matul attività kummerċjali, kemm jekk bi ħlas kif ukoll mingħajr ħlas.¹⁰ "Provvista ta' oġġett għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu" tfisser li oġġett eżistenti u individwalment identifikabbli, wara li l-istadju tal-manifattura jkun seħħ, ikun is-suġġett ta' ftehim bil-miktub jew verbali bejn żewġ persuni ġuridiċi jew fiżiċi jew aktar għat-trasferiment ta' sjieda, ta' kwalunkwe dritt ieħor ta' proprjetà, jew ta' pussess li jikkonċernaw l-oġġett inkwistjoni, jew ikun is-suġġett ta' offerta lil persuna jew persuni ġuridiċi jew fiżiċi għall-konklużjoni ta' tali ftehim."¹¹

Eżempju: Pjanta individwali ta' varjetà ta' pjanti inkluża fir-reġistru tar-Renju li tinbiegħ minn produttur mir-Renju Unit lil distributtur mir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni għadha tista' tiġi importata fl-UE fuq il-bażi r-reġistrazzjoni fir-Renju Unit.

Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-kontrolli fitosanitarji li jistgħu japplikaw għall-importazzjonijiet wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

⁹ L-Artikolu 42 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

¹⁰ L-Artikolu 40(a) u (b) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

¹¹ L-Artikolu 40(c) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

C. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ WARA TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni se japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.¹² Il-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq huwa soġġett għal kunsens perjodiku tal-Assemblea Leġiżlattiva tal-Irlanda ta' Fuq, fejn il-perjodu inizjali ta' applikazzjoni jestendi sa erba' snin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.¹³

Permezz tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE huma applikabbli wkoll għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq. Fil-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq, l-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li sa fejn ir-regoli tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, l-Irlanda ta' Fuq tiġi ttrattata daqslikieku kienet Stat Membru.¹⁴

Il-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq jipprevedi li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-PRM tapplika għar-Renju Unit u fih fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq.¹⁵

Dan ifisser li r-referenzi għall-UE fil-Partijiet A u B ta' dan l-Avviż għandhom jinftiehem bħala li jinkludu l-Irlanda ta' Fuq, filwaqt li r-referenzi għar-Renju Unit għandhom jinftiehem li jirreferu biss għall-Gran Brittanja.

B'mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost l-oħrajn, dan li ġej:

- Il-materjal għar-riproduzzjoni tal-pjanti li jitqiegħed fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq irid jikkonforma mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-PRM;
- Il-materjal għar-riproduzzjoni tal-pjanti li joriġina mill-Irlanda ta' Fuq u ttrasportati lejn l-UE mhuwiex materjal għar-riproduzzjoni tal-pjanti importat;
- Il-materjal għar-riproduzzjoni tal-pjanti ttrasportati mill-Gran Brittanja lejn l-Irlanda ta' Fuq huwa importazzjoni skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-PRM (ara hawn fuq, it-Taqsima A);
- Kwalunkwe "elenkar" tar-Renju Unit (ara hawn fuq, it-taqsima A), ma jkunx jinkludi lill-Irlanda ta' Fuq.

Madankollu, il-Protokoll tal-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq jeskludi l-possibiltà li, fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit:

- jipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fit-tfassil tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni¹⁶;

¹² L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

¹³ L-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.

¹⁴ L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.

¹⁵ L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq u t-Taqsima 42 tal-Anness 2 ta' dan il-Protokoll. Il-Kummissjoni qiegħda ttipponi l-elenkar tad-Direttivi 66/401/KEE, 98/56/KE u 2008/72/KE fit-Taqsima 42 tal-Anness 2 tal-Protokoll tal-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq (l-Artikolu 164(5)(d) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ).

- jibda proċeduri ta' oġġezzjoni, salvagwardja u arbitraġġ sa fejn ikunu jikkonċernaw regolamenti, standards, valutazzjonijiet, reġistrazzjonijiet, ċertifikati, approvazzjoni u awtorizzazzjonijiet mogħtija jew imwettqa mill-Istati Membri tal-UE;¹⁷
- jaġixxi ta' awtorità ewlenija dwar il-valutazzjonijiet, l-eżamijiet u l-awtorizzazzjonijiet¹⁸;
- jinwoka l-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini jew tar-rikonoxximent reċiproku fir-rigward tal-prodotti li jitqiegħdu fis-suq tal-Irlanda ta' Fuq b'manjera legali¹⁹.

B'mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost l-oħrajn, dan li ġejj:

- L-inklużjoni ta' materjal għar-riproduzzjoni tal-pjanti fir-reġistru nazzjonali tar-Renju Unit jew fil-lista ta' fornituri tar-Renju Unit skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-PRM tippermetti t-tqegħid fis-suq tal-materjal għar-riproduzzjoni tal-pjanti fl-Irlanda ta' Fuq biss. L-inklużjoni ta' materjal għar-riproduzzjoni tal-pjanti fir-reġistru nazzjonali tar-Renju Unit jew f'lista ta' fornituri tar-Renju Unit ma tippermettix it-tqegħid fis-suq ta' materjal għar-riproduzzjoni tal-pjanti fl-UE²⁰.
- L-inklużjoni ta' materjal għar-riproduzzjoni tal-pjanti fir-reġistru nazzjonali ta' Stat Membru tal-UE jew fil-lista ta' fornituri tal-UE tippermetti t-tqegħid fis-suq ta' materjal għar-riproduzzjoni tal-pjanti fl-Irlanda ta' Fuq.
- Il-Katalgi Komuni stabbiliti mid-Direttivi 2002/53/KE u 2002/55/KE ma jistgħux jinkludu varjetajiet ta' żrieragħ imnissla jew eżaminati fl-Irlanda ta' Fuq u nnotifikati mir-Renju Unit;

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar ir-regoli tal-UE fir-rigward tal-Materjal għar-Riproduzzjoni tal-Pjanti (https://ec.europa.eu/food/plant/plant_propagation_material_en.) jaġhti informazzjoni ġenerali dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE applikabbli għaż-żrieragħ u materjal ieħor għar-riproduzzjoni u l-propagazzjoni tal-pjanti. Dawn il-paġni jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari

¹⁶ Jekk jkun hemm il-ħtieġa għal skambju ta' informazzjoni jew ta' konsultazzjoni reċiproka, din issir fil-grupp ta' ħidma konsultattiv konġunt stabbilit mill-Artikolu 15 tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.

¹⁷ Il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.

¹⁸ L-Artikolu 13(6) tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.

¹⁹ L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.

²⁰ Ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.

Anness: Ir-regoli tal-UE fil-qasam tal-materjal għar-riproduzzjoni u l-propagazzjoni tal-pjanti

- Id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-ġħalf²¹;
- Id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież²²;
- Id-Direttiva tal-Kunsill 68/193/KEE tad-9 ta' April 1968 dwar il-marketing ta' materjal għall-propagazzjoni veġetattiva tad-dielja²³;
- Id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-marketing tal-materjali tal-propagazzjoni tal-pjanti ornamentali²⁴;
- Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar il-marketing ta' materjali riproduttivi tal-foresti²⁵;
- Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-varjetajiet komuni ta' katalgi ta' speċi ta' pjanti agrikoli²⁶;
- Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/54/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq ta' żerriegħa tal-pitravi²⁷;
- Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing ta' żrieragħ tal-ħxejjex²⁸;
- Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq tal-patata taż-żerriegħa²⁹;
- Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-marketing taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra³⁰;

²¹ ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298.

²² ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309.

²³ ĠU L 93, 17.4.1968, p. 15.

²⁴ ĠU L 226, 13.8.1998, p. 16.

²⁵ ĠU L 11, 15.1.2000, p. 17.

²⁶ ĠU L 193, 20.7.2002, p. 1.

²⁷ ĠU L 193, 20.7.2002, p. 12.

²⁸ ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33.

²⁹ ĠU L 193, 20.7.2002, p. 60.

³⁰ ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74.

- Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/72/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar it-tqegħid fis-suq ta' ħxejjex ta' propagazzjoni u materjal taż-żriġh, barra ż-żerriegħa³¹;
- Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/90/KE tad-29 ta' Settembru 2008 dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott³².

³¹ ĠU L 205, 1.8.2008, p. 28.

³² ĠU L 267, 8.10.2008, p. 8.